**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

26.3.2024

Is-Sur Juan Fernando López Aguilar
President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/816 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u r-Regolament (UE) 2019/818 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 għall-fini tal-introduzzjoni ta' skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni (COM(2021)0096 – C9-0088/2021 – 2021/0046(COD))

Sur President,

Bl-ittra tal-15 ta' Frar 2024[1], il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) talab lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jipprovdi opinjoni dwar l-adegwatezza tal-bażi ġuridika għall-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/816 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u r-Regolament (UE) 2019/818 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 għall-fini tal-introduzzjoni ta' skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni[2] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament propost").

[1] D(2024)5246.
[2] COM(2021)96 tat-2.3.2021.

Il-Kumitat JURI se jeżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2024.

**I - Sfond**

F'Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet ir-Regolament propost għall-fini tal-introduzzjoni ta' skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u bbażatu fuq serje ta' Artikoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jiġifieri l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 74, l-Artikolu 78(2), il-punt (e), l-Artikolu 79(2), il-punt (c), l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 87(2), il-punt (a), u l-Artikolu 88(2). Ir-Regolament propost jikkomplementa proposta leġiżlattiva oħra li tintroduċi l-iskrinjar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni (2020/0278(COD)[3], minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar l-Iskrinjar") li tressqet mill-Kummissjoni f'Settembru 2020 u hija żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen f'dak li jirrigwarda l-fruntieri. Bħala konsegwenza ta' dak ir-Regolament dwar l-Iskrinjar, ir-Regolament propost sussegwentement tressaq biex jipprevedi għadd ta' emendi konsegwenzjali meħtieġa għal atti legali li japplikaw lil hinn mill-*acquis* ta' Schengen, li, għal raġunijiet tal-hekk imsejħa ġeometrija varjabbli ta' Schengen, kellhom isiru fi strument separat.

Fit-28 ta' Marzu 2023, il-Kumitat LIBE adotta r-rapporti tiegħu dwar iż-żewġ proposti msemmija hawn fuq li fihom ma kkontestax il-bażi ġuridika. Wara l-approvazzjoni tal-plenarja, il-Kumitat LIBE daħal f'negozjati interistituzzjonali. Hekk kif ix-xogħol fuq iż-żewġ fajls mexa 'l quddiem fin-negozjati, irriżulta li l-bażijiet ġuridiċi multipli magħżula mill-Kummissjoni għar-Regolament propost kienu jinkludu l-Artikoli tat-Trattat li, minkejja li servew bħala l-bażijiet ġuridiċi għaż-żewġ strumenti li qed jiġu emendati – ir-Regolament (UE) 2019/816[4] u r-Regolament (UE) 2019/818[5] – ma kinux rilevanti għall-modifiki li għandhom isiru lil dawk l-istrumenti permezz tar-Regolament propost u għalhekk deher li kienu żejda. Il-Parlament u l-Kunsill għalhekk qablu b'mod proviżorju li jneħħu l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 74, l-Artikolu 85(1) u l-Artikolu 88(2) tat-TFUE mill-bażi ġuridika tar-Regolament propost.

Wara dawk il-bidliet maqbula b'mod proviżorju fil-bażi ġuridika tar-Regolament propost, il-Kumitat LIBE talab lill-Kumitat JURI jipprovdi opinjoni dwar l-adegwatezza tal-bażi ġuridika modifikata, skont l-Artikolu 40 tar-Regoli ta' Proċedura.

**II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat**

It-Titolu II tal-Ewwel Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn, (enfasi miżjuda):

[3] COM(2020)612 tat-23.9.2020.

[4] Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1-26).

[5] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

*Artikolu 16*
*(ex Artikolu 286 tat-TKE)*

1. *Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali li tirrigwardaha.*

2. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, kif ukoll mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u mal-moviment liberu ta' din id-data. Il-ħarsien ta' dawn ir-regoli għandu jkun suġġett għall-kontroll minn awtoritajiet indipendenti.***

   *Ir-regoli adottati abbażi ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*

Il-Kapitolu 1 ("Dispożizzjonijiet ġenerali") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid hekk:

*Artikolu 74*
*(ex Artikolu 66 tat-TKE)*

*Il-Kunsill għandu jadotta miżuri sabiex jassigura l-koperazzjoni amministrattiva bejn is-servizzi kompetenti tal-Istati Membri fl-oqsma koperti b'dan it-Titolu, kif ukoll bejn dawk is-servizzi u l-Kummissjoni. Huwa għandu jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, suġġett għall-Artikolu 76, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.*

Il-Kapitolu 2 ("Politiki dwar il-kontrolli fil-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

*Artikolu 78*
*(ex Artikoli 63, punti 1 u 2, u 64(2) TKE)*

1. *L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-għan li toffri status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u bil-għan li tassigura l-ħarsien tal-prinċipju ta' non-refoulement. Din il-politika trid tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u mal-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-refuġjati, kif ukoll ma' trattati rilevanti oħra.*

2. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa dwar sistema komuni Ewropea ta' ażil li tinkludi:***

   (a) *status uniformi ta' ażil għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha;*

   (b) *status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jiksbu ażil Ewropew, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;*

   (c) *sistema komuni ta' protezzjoni temporanja, fil-każ ta' dħul massiv, għal persuni*

*maqlugħa minn pajjiżhom;*

*(d) proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus uniformi ta' ażil jew ta' protezzjoni sussidjarja;*

***(e) kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li jikkunsidra applikazzjoni għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja;***

*(f) standards dwar il-kundizzjonijiet sabiex jintlaqgħu l-applikanti għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja;*

*(g) sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-amministrazzjoni tal-flussi ta' persuni li japplikaw għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja jew temporanja.*

*(...)*

*Artikolu 79*
*(ex Artikolu 63, punti 3 u 4, TKE)*

*1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba biex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effikaċi tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda b'saħħa kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.*

***2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri fl-oqsma li ġejjin:***

*(a) il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, kif ukoll l-istandards dwar il-ħruġ minn Stati Membri ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil, inklużi dawk biex terġa' tingħaqad il-familja;*

*(b) id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti legalment fi Stat Membru inklużi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;*

***(c) l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tkeċċija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni;***

*(d) il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal.*

*(...)*

Il-Kapitolu 4 ("Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

*Artikolu 82*
*(ex Artikolu 31 tat-TUE)*

*1. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-*

*prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u għandha tinkludi l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri fl-oqsma previsti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 83.*

***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri li:***

*(a) jistabbilixxu regoli u proċeduri sabiex jassiguraw ir-rikonoxximent fl-Unjoni kollha tal-forom kollha ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji;*

*(b) jipprevjenu u jsolvu konflitti ta' ġuriżdizzjoni bejn l-Istati Membri;*

*(c) jappoġġjaw it-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju;*

***(d) jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' proċedimenti f'materji kriminali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet.***

*(...)*

*Artikolu 85*
*(ex Artikolu 31 tat-TUE)*

*1. Il-missjoni tal-Eurojust għandha tkun li tappoġġja u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni fir-rigward ta' kriminalità serja li tolqot żewġ Stati Membri jew aktar jew li teħtieġ prosekuzzjoni fuq bażi komuni, abbażi ta' operazzjonijiet immexxija u informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-Europol. F'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jiddeterminaw l-istruttura, il-funzjonament, il-qasam tal-azzjoni u l-kompiti tal-Eurojust. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:*

*(a) il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali kif ukoll proposti għall-bidu ta' prosekuzzjonijiet, immexxija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari dawk relatati ma' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;*

*(b) il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet previsti fil-punt a);*

*(c) it-tisħiħ tal-koperazzjoni ġudizzjarja, inkluża bir-riżoluzzjoni tal-kunflitti dwar il-ġuriżdizzjoni u b'koperazzjoni mill-qrib man-Network Ġudizzjarju Ewropew.*

*(...)*

Il-Kapitolu 5 ("Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

*Artikolu 87*
*(ex Artikolu 30 tat-TUE)*

*1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi koperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet*

*kompetenti kollha tal-Istati Membri, inkluża l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi speċjalizzati fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.*

***2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu miżuri dwar:***

***(a) il-ġabra, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti;***

*(b) l-appoġġ għat-taħriġ tal-persunal, kif ukoll il-koperazzjoni dwar l-iskambju tal-persunal, dwar tagħmir u dwar ir-riċerka fil-kxif tal-kriminalità;*

*(c) it-tekniċi investigattivi komuni sabiex jinkixfu forom serji ta' kriminalità organizzata.*

*(...)*

*Artikolu 88*
*(ex Artikolu 30 tat-TUE)*

*(...)*

*2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jiddeterminaw l-istruttura, il-funzjonament, il-qasam tal-azzjoni u l-kompiti tal-Europol.*

*(a) il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari dik mibgħuta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi terzi jew mill-korpi;*

*(b) il-koordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' investigazzjonijiet u azzjonijiet operattivi mwettqa flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew fil-qafas ta' gruppi investigattivi konġunti, meta xieraq f'kollaborazzjoni mal-Eurojust.*

*(...)*

## III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ikkunsidrat il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni[6].

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u

[6] Opinjoni 2/00 *("Protokoll ta' Cartagena")*, ECLI:EU:C:2001:664, par.5.

l-kontenut tal-miżura[7]. Barra minn hekk, id-determinazzjoni tal-bażi ġuridika ta' att għandha ssir fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tiegħu stess[8].

Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti[9]. F'każ eċċezzjonali biss, jekk ikun stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod li ma jistgħux jinfirdu, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti[10]. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew[11].

## IV – L-għan u l-kontenut tar-Regolament propost

Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[12] li għandu l-għan, fost affarijiet oħra, li jpoġġi fis-seħħ qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-UE u li jippromwovi fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Il-Komunikazzjoni inkludiet ir-Regolament dwar l-Iskrinjar u ħabbret ir-Regolament propost – it-tnejn intrinsikament marbuta.

Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar jistabbilixxi, fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri, skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, ikunu qasmu l-fruntieri esterni b'mod mhux awtorizzat, ikunu applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fil-fruntieri jew ikunu ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. Dan jipprevedi wkoll l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju tal-Istati Membri fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li kienu soġġetti għal kontrolli fil-fruntieri esterni.

Il-Kummissjoni, fil-memorandum ta' spjegazzjoni, tispjega wkoll li l-kontrolli ta' sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jeħtieġ li jkunu mill-inqas ta' livell simili għall-kontrolli mwettqa fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, kemm jekk ikunu taħt obbligu ta' viża kif ukoll jekk le. Għaldaqstant, jeħtieġ li jitwettqu l-verifiki awtomatizzati għall-finijiet ta' sigurtà fil-kuntest

7 Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Diossidu tat-titanju")*, ECLI:EU:C:1991:244, il-paragrafu 10.

8 Il-Kawża C-187/93, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1994:265, punt 28. Ara wkoll il-Kawża C-411/06, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill ("Vjaġġi ta' skart")*, ECLI:EU:C:2009:518, il-paragrafu 77 u l-Kawża C-81/13, *Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2014:2449, il-paragrafu 36.

9 Kawża C-137/12, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2013:675, paragrafu 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

10 Il-Kawża C-300/89, punti 13 u 17; Il-Kawża C-42/97, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1999:81, il-paragrafu 38; *L-Opinjoni 2/00*, il-paragrafu 23; Il-Kawża C-94/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam")*, ECLI:EU:C:2006:2 u l-Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u L-Kunsill*, ECLI:EU:C:2006:4, il-paragrafi 36 u 43.

11 Il-Kawża C-300/89, il-paragrafi 17-25; Il-Kawża C-268/94, *Il-Portugall vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1996:461.

12 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2020)609 final tat-23 ta' Settembru 2020).

tal-iskrinjar mal-istess sistemi bħal dawk għall-applikanti għal viża jew għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar skont is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

L-iskrinjar jinkludi wkoll miżuri biex tiġi stabbilita jew ivverifikata l-identità tal-persuna kkonċernata u kontroll tas-sigurtà. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni u tal-verifika tal-identità, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-iskrinjar ifittxu fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) stabbilit skont ir-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818; il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-verifika f'sors wieħed tad-data tal-identità preżenti fis-sistemi kollha msemmija hawn fuq, kif ukoll fl-Eurodac[13] u fis-sistema ECRIS-TCN. Għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-iskrinjar ikunu jistgħu jikkonsultaw ukoll is-sistema ECRIS-TCN huma stess.

Madankollu, peress li l-bażijiet tad-data tal-Unjoni jistgħu jintużaw biss jekk ikun ingħata aċċess minn qabel bil-liġi u peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u s-sistema ECRIS-TCN ikun meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar, ir-Regolamenti tal-Unjoni li jistabbilixxu dawk is-sistemi, kif ukoll is-CIR, jeħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta' aċċess addizzjonali għall-awtoritajiet ta' skrinjar.

Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar jemenda r-Regolamenti li jistabbilixxu l-EES, l-ETIAS u l-VIS, li huma kollha żviluppi tal-*acquis* ta' Schengen rigward il-fruntieri, kif inhu r-Regolament dwar l-Iskrinjar kollu kemm hu.

Fid-dawl tal-fatt li r-Regolament (UE) 2019/816, li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN, mhuwiex żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, l-emenda tiegħu ma setgħetx tkun parti mir-Regolament dwar l-Iskrinjar u kien hemm ħtieġa għal emenda awtonoma ta' dak ir-Regolament.

Barra minn hekk, is-CIR ġie stabbilit b'żewġ Regolamenti, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818, u filwaqt li r-Regolament dwar l-Iskrinjar jista' jipprevedi emendi għar-Regolament (UE) 2019/817, li japplika għall-EES, il-VIS u l-ETIAS, minħabba l-hekk imsejħa ġeometrija varjabbli ta' Schengen, l-emenda meħtieġa għar-Regolament (UE) 2019/818, li tapplika għall-Eurodac u għas-sistema ECRIS-TCN, lanqas ma setgħet tkun parti mir-Regolament dwar l-Iskrinjar.

Konsegwentement, il-Kummissjoni ressqet ir-Regolament propost fl-osservanza meħtieġa tal-ġeometrija varjabbli ta' Schengen.

**<u>V – Analiżi</u>**

Minn dan ta' hawn fuq isegwi li l-għan tar-Regolament propost, kif maqbul b'mod proviżorju mill-koleġiżlaturi, huwa li jipprovdi lill-awtoritajiet tal-iskrinjar bid-drittijiet ta' aċċess meħtieġa għas-sistema ECRIS-TCN u għas-CIR għall-fini tal-applikazzjoni tal-miżuri biex tiġi stabbilita jew ivverifikata l-identità tal-persuna kkonċernata, kif ukoll il-kontrolli tas-sigurtà li jiffurmaw parti mill-iskrinjar. Għalhekk, dan jiżgura li l-għanijiet segwiti mis-

[13] Sistema stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

sistema ECRIS-TCN u mis-CIR ikunu jistgħu jintlaħqu wkoll matul l-iskrinjar.

Sabiex dan ikun possibbli, ir-Regolament propost fih l-emendi meħtieġa għar-Regolament li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN sabiex jingħata aċċess lill-awtoritajiet tal-iskrinjar għal dik is-sistema u jipprovdi taħt liema kundizzjonijiet hit b'data fis-sistema ECRIS-TCN tista' tirriżulta f'marka ta' sigurtà fil-formola ta' skrinjar li titfassal fi tmiem l-iskrinjar.

Sa fejn huma kkonċernati l-emendi tar-Regolament (UE) 2019/818, ir-Regolament propost idaħħal Artikolu ġdid li jipprevedi l-aċċess għas-CIR għall-fini tal-istabbiliment jew tal-verifika tal-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. Emendi oħra jiżguraw li d-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament (UE) 2019/818 dwar iż-żamma ta' reġistri japplikaw ukoll għal tfittxijiet mill-awtoritajiet tal-iskrinjar.

Ir-Regolament propost jappoġġja l-għanijiet tar-Regolament li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN, li jemendah. Dak ir-Regolament kien ibbażat fuq l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), tat-TFUE.
L-emendi għar-Regolament (UE) 2019/818 isaħħu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija. Għalhekk ikun xieraq li r-Regolament propost jiġi bbażat ukoll fuq l-Artikolu 87(2), il-punt (a), tat-TFUE, li jipprovdi bażi ġuridika għal miżuri li jikkonċernaw il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-istabbiliment ta' kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inklużi l-pulizija, id-dwana u servizzi speċjalizzati oħra tal-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

Finalment, dment li l-emendi tar-Regolament (UE) 2019/818 jippermettu wkoll aċċess għad-data tal-identità tal-Eurodac fis-CIR, ikun xieraq li r-Regolament propost jiġi bbażat ukoll fuq l-Artikolu 78(2), il-punt (e), u l-Artikolu 79(2), il-punt (c), tat-TFUE. Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma fost il-bażijiet ġuridiċi għar-Regolament il-ġdid dwar il-Eurodac[14] li ntlaħaq qbil proviżorju dwaru miż-żewġ koleġiżlaturi.

Fir-rigward tal-erba' Artikoli l-oħra tat-Trattat li l-Kummissjoni pprevediet bħala bażijiet ġuridiċi tar-Regolament propost, l-inklużjoni tagħhom ma tidhirx li hija f'konformità mal-każistika stabbilita fil-punt III hawn fuq.

Filwaqt li l-emendi għar-Regolament (UE) 2019/818 jestendu l-obbligu eżistenti li jinżammu reġistri tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data skont dak l-att għall-mistoqsijiet tal-awtoritajiet tal-iskrinjar, l-impatt tar-Regolament propost fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data tar-Regolament (UE) 2019/818 mhuwiex b'mod ċar l-għan jew il-komponent ewlieni, iżda huwa sempliċiment ta' natura anċillari. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 16(2) tat-TFUE ma jintużax għar-Regolament propost.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost ma fih l-ebda element li jkun jeħtieġ l-użu tal-Artikolu 74 tat-TFUE, u dan jippermetti lill-Kunsill jadotta ċerti miżuri, bħala bażi ġuridika.

Fl-aħħar nett, lanqas ma jidher li hemm ġustifikazzjoni għall-użu tal-Artikoli 85(1) u 88(2) tat-TFUE fost il-bażijiet ġuridiċi. Dawk l-Artikoli jipprovdu bażi ġuridika għad-determinazzjoni tal-istruttura, l-operazzjoni, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Eurojust u l-

[14] 2016/0132(COD) (COM(2016)272 tal-4.5.2016 u COM(2020)614 tat-23.9.2020).

Europol rispettivament. Madankollu, ir-Regolament propost ma fih ebda emenda li tikkonċerna direttament jew indirettament la lill-Eurojust u lanqas lill-Europol. L-għan ewlieni u uniku tar-Regolament propost huwa li jawtorizza u jirregola l-aċċess tal-awtoritajiet tal-iskrinjar għas-sistema ECRIS-TCN u s-CIR.

**VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda, b'16-il vot favur, ebda vot kontra u astensjoni waħda[15], li jirrakkomanda lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li r-referenza għall-Artikolu 16(2), għall-Artikolu 74, għall-Artikolu 85(1) u l-Artikolu 88(2) tat-TFUE titneħħa b'mod dovut mill-bażi ġuridika tar-Regolament propost u li dan jiġi bbażat fuq il-bqija, jiġifieri l-Artikolu 78(2), il-punt (e), l-Artikolu 79(2), il-punt (c), l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), u l-Artikolu 87(2), il-punt (a) tat-TFUE.
Dejjem tiegħek,

Is-Sur Adrián Vázquez Lázara

[15] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Marion Walsmann (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Alessandra Basso, Ilana Cicurel, Ibán García Del Blanco, Pascal Durand, Daniel Freund (għal Sergey Lagodinsky, skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura), Heidi Hautala, Pierre Karleskind, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, René Repasi, Franco Roberti, Michaela Šojdrová (għal Jiří Pospíšil, skont l-Artikolu 209 (7) tar-Regoli ta' Proċedura), Axel Voss, Javier Zarzalejos.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.